

Ir-Raba' Ħadd tar-Randan

# Aħbar Tajba

Ġoż 5, 9a.10-12
Salm 33 (34), 2-3.4-5.6-7
2 Kor 5, 17-21
Lq 15, 1-3.11-32

"Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa,
**għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!"**

Ċert li xi darba jew oħra smajtu l-istorja ta' Aladdin u l-lampa maġika. Forsi qrajtu xi ktieb jew rajtu l-film sabiħ tad-Disney. L-istorja ddur mal-karattru fqajjar ta' Aladdin li ħajtu tinbidel mil-lejl għan-nhar meta jsib lampa maġika. Fiha jkun jgħix Ġenju li jkollu l-qawwa li jagħmel realtà kull xewqa li seta' kellu Aladdin.

Qatt xtaqt li jiġrilek bħal Aladdin? Forsi naħsbu li ħajjitna tkun ferm isbaħ kieku nistgħu nwettqu kull xewqa li jkollna. Xi jkun jonqosna? Imma fil-Vanġelu tal-lum naraw li jkun jonqosna ħafna għax mhux kull xewqa li jkollna hi tajba għalina. Is-silta titkellem fuq żagħżugħ li kellu tliet xewqat. Kien joħlom li jkollu ħafna flus, li jsiefer u jżur postijiet imbiegħda u li ħadd ma jgħidlu x'għandu jagħmel. Ġesù jkompli jirrakkonta li ġurnata minnhom din ix-xewqa ssir realtà għax meta jistaqsi 'l missieru għal sehmu mill-wirt, il-missier b'qalbu maqsuma jaċċetta. U hekk it-tifel iħalli d-dar u jmur jara d-dinja. Ħadd ma kien se jindaħallu fejn se jmur u x'se jagħmel. Tgħidx kemm ħa gost għax bil-flus li tah missieru seta' jixtri dak kollu li jixtieq. U aktar ma nefaq flus, aktar nies bdew jistednuh biex jiddeverti magħhom. Tgħidx kemm għamel ħbieb, mingħalih! S'issa storja sabiħa. Imma dan kollu kellu jinbidel malajr għax hekk kif spiċċaw il-flus, spiċċaw il-ħbieb, il-pjaċir u l-libertà. Ħajtu spiċċat agħar minn ta' lsir!

F'din il-parabbola Ġesù qed jurina li kultant ix-xewqat tagħna mhux talli ma jkunux wisq tajba għalina, imma anke jistgħu jħallu effett ikrah fuq ħajjitna.

Iżda l-istorja ma tiqafx hemm! Għax għalkemm aħna faċli nitilfu t-triq, il-Missier qatt ma jaqta' qalbu minna. Jibqa' jistenna u jekk jarana li ma nifilħux aktar, jiġi għalina biex iġorrna hu. Ikun xi jkun l-iżball tagħna, Alla dejjem lest li jaħfer u jerġa' jilqagħna lura.

Imma l-parabbola turina żball ieħor li nistgħu nagħmlu. Kien hemm tifel ieħor li dan baqa' ma' missieru. Kif ra l-festa li qed issir għal ħuh ma ħa gost xejn. Anzi mar għand missieru jgħidlu li mhux sew. Kultant jista' jkun li jiġrilna bħal dan it-tifel. Filwaqt li mingħalina li aħna Nsara tajbin għax kultant nitolbu u ma nfallux quddiesa, imma mbagħad ma nkunux kapaċi nħossu u ngħinu lil ħutna fil-bżonn. Ninsew, li lil Alla aktar milli ħafna kliem u sagrifiċċji, l-isbaħ rigal li nistgħu nagħtuh huwa l-ħniena lejn il-proxxmu.

## Fittex it-triq it-tajba

Seħibna hawn taħt qed jiftakar kemm kien aħjar meta kien fid-dar ta' missieru. Kellu nies li jħobbuh, dar sabiħa u ikel kemm jixtieq. Issa anqas biex jimla' żaqqu ma għandu, anzi qed jinduna li l-annimali għandhom aktar x'jieklu minnu. Għalhekk se jaqbad it-triq lura lejn id-dar, imma għandu bżonn daqqa t'id biex isib triqtu lejn id-dar. Tista' tgħinu?





"Ġibu l-għoġol
l-imsemmen
u oqtluh,
ħa nieklu
u nagħmlu
festa,
**għax dan
ibni kien
mejjet u
raġa' qam,
kien mitluf
u nstab!"**

## Il-Ħadd tal-Ferħ... imma fir-Randan Nifirħu?



Il-Kulur Roża jintuża darbtejn biss matul is-Sena Liturġika, fir-Raba' Ħadd tar-Randan u fit-Tielet Ħadd tal-Avvent, u dawn jissejħu il-Ħdud tal-Ferħ. U forsi wieħed jistaqsi imma jekk ir-Randan huwa żmien ta' ċaħda u sagrifiċċju kif jista' jkun ukoll żmien ta' ferħ? IVA, dan il-Ħadd jissejjaħ '*Laetare*' li tfisser 'Ifraħ' biex aħna l-Insara niftakru li dak li qegħdin nippreparaw għalih matul dawn l-40 jum issa huwa tassew fil-qrib. Għalhekk, filwaqt li nkomplu nitħejjew bit-talb, bis-sawm, u bil-karita`, fl-istess waqt nimtlew bit-tama għax dak li Alla wiegħed - jiġifieri li Ġesu' mhux biss imut imma jqum mill-mewt biex isalvana - issa wasal biex iseħħ meta fi ftit jiem oħra niċċelebraw l-Għid il-Kbir.

Din hija r-raġuni għalfejn f'dawn il-Ħdud li semmejna f'diversi knejjes ser naraw lill-qassis waqt il-quddiesa jilbes il-pjaneta roża minflok il-vjola kif jagħmel fil-Ħdud l-oħra tal-Avvent u tar-Randan. Dan isir biex lilna jfakkarna li s-sagrifiċċji li qed nagħmlu matul ir-Randan mhumiex sagrifiċċji li jfissru biss tbatija, imma li ser jissarrfu fil-ferħ li ser iġib miegħu Kristu Rxoxt fl-Għid il-Kbir. Dan huwa wkoll żmien ta' TAMA u kuraġġ, u għalhekk tkun ħaġa sabiħa li fid-dar, fl-iskola, jew jekk nattendu għal xi sports, u kull fejn inkunu, aħna nwasslu dan il-ferħ lill-oħrajn b'ġesti żgħar bħal xi tbissima jew billi ngħidu kelma ta' kuraġġ u ngħinu lil min ikun qed jaqta' qalbu anke f'xi ħaġa żgħira u ma niddejqux ngħidu li dan it-tip ta' FERĦ jista' jiġi biss jekk inkunu ħbieb mill-qrib ta' ĠESU'.




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**Promozzjoni**

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION